MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 183/2007/1

**Sergio Sciberras**

**vs**

**Daniel Montebello**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Jannar, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat l-20 ta' Gunju tas-sena 2007 li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:
>
> 1. Illi jhallas is-somma ta' tlett elef tlett mija u wiehed u tmenin Lira Maltin u tmienja u disghin

centezmu, (LM3,381.98,0) minnu dovuti, rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata, fuq inkarigu tieghu stess, u li sa llum ghadha mhux imhallsa;

2. Bl-imghaxijiet kummercjali mill-1 ta' Jannar tas-sena 2007, u bl-ispejjez kollha, inkluz tal-mandat ta' qbid bin-numru 1516/07, kollox kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta ta' l-intimat datata s-6 ta' Settembru tas-sena 2007, li permezz taghha rrisponda bil-mod segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati sia fid-dritt kif ukoll fil-fatt u dawn ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-konvenut m'ghandu l-ebda dejn jew ammonti dovuti lill-attur;

2. Illi l-konvenut bl-ebda mod m'ghandu jhallas jew b'xi mod jaghti l-ammont ta' tlett elef tlett mija u wiehed u tmenin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (LM3,381.98,0), u ghaldaqstant, tali ammont huwa nfondat u konsegwentement kontestat;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

4. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokument esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet:

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrent kien iforni lil Joanne Sciberras bil-merkanzija meritu ta’ din il-procedura fil-hanut li din ta’ l-ahhar kienet tiggestixxi f’Haz-Zebbug, u kien ilu jaghmel hekk ghall-perjodu bejn is-sena 2002 u s-sena 2006;

2. Illi l-ammont li r-rikorrent kellu jigbor ghal din il-merkanzija hekk konsenjata kien jammonta ghal dak indikat fir-rikors promotur;

3. Illi dan l-ammont kienet akkumulatu l-imsemmija Joanne Sciberras li kienet tiggestixxi l-hanut bl-isem ta’ “J.& T. Cash & Carry”, ta’ Triq Mikelang Sapiano, Haz-Zebbug;

4. Illi jirrizulta li permezz ta’ skrittura privata datata t-12 t’Ottubru tas-sena 2006, l-imsemmija Joanne Sciberras ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` “J. & T. Sciberras Limited”, welliet il-gestjoni tal-hanut de quo lil Daniel Montebello;

5. Illi nonostante t-twellija in dizamina, il-prodotti li kienu ghadhom fil-hanut de quo kien ghadhom il-proprjeta` tar-rikorrent stante li l-imsemmija Joanne Sciberras kienet ghadha ma hallsitx ghalihom;

6. Illi allura, l-imsemmi rikorrent kien informa lill-imsemmija Joanne Sciberras li kien ser jibghat l-lavranti tieghu biex, flimkien mieghu, jigbru l-merkanzija involuta minghandha;

7. Illi meta l-imsemmi rikorrent mar fil-hanut involut biex jeleva l-merkanzija tieghu jsostni li ltaqa’ ma’ l-intimat Montebello u wara negozjati verbali fuq il-post ikkonkludew ftehim biex ir-rikorrent ihalli l-merkanzija tieghu fl-istess hanut li issa kien qed jigi gestit mill-intimat;

8. Illi konsegwentement ingabret lista ta’ l-oggetti kollha nvoluti, u dan, fil-presenza u bi qbil

ta’ l-istess intimat u ta’ l-imsemmija Joanne Sciberras;

9. Illi a bazi ta’ l-istess lista hekk migbura, ir-rikorrent irrilaxxa lill-intimat “*credit note”* f’isem is-socjeta` “J. & T. Cash & Carry” bl-intiza li l-*invoices* johorgu f’isem “JAVU Cash & Carry”, l-isem il-gdid li l-intimat ta lill-hanut li kien issa beda jiggestixxi;

10. Illi r-rikorrent isostni wkoll li fiehem lill-intimat li parti mill-konsenja issa fdata f’idejh kellha tinbiegh malajr;

11. Illi bhala korrispettiv, ir-rikorrent jafferma li kien ukoll qed jiffranka lill-intimat madwar hames mitt Lira Maltin (LM500.00,0), mill-kont globali dovut;

12. Illi skond ir-rikorrent, l-ammont li finalment il-partijiet qabblu fuqu hu dak indikat mir-rikorrent fir-rikors promotur;

13. Illi wara li ghadda perjodu konsiderevoli ta’ zmien u l-intimat baqa’ inadempjenti, ir-rikorrent ipprova jikkontattja lill-intimat biex jara ghaliex kien gara hekk, u meta finalment il-partijiet tkellmu, l-intimat informa lir-rikorrent li ma kienx ser ihallas lir-rikorrent ghal din il-merkanzija minnu mizmuma;

14. Illi wara diskussjonijiet li fihom kienu nvoluti r-rapprezentanti legali tal-partijiet jirrizulta li ntlahaq ftehim fejn ir-rikorrent kellu jmur jigbor il-merkanzija lura;

15. Illi meta effettivament mar biex jespleta dan il-ftehim ulterjuri, ir-rikorrent sab li l-merkanzija ma kinitx aktar fi stat tajjeb u ma setghetx tinbiegh aktar;

16. Illi stante li l-partijiet ma setghux jilhqu ftehim fuq il-vertenza kif issa zviluppat, ir-rikorrent

ma kellux alternattiva hlief li jintavola l-procedura odjerna;

17. Illi l-qorti hi sodisfatta li l-ammont mitlub mir-rikorrent fir-rikors promotur hu dak li attwalment gie debitament pattwit bejn il-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti skond l-intimat jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-intimat thajjar jiehu l-gestjoni tal-hanut in dizamina gestit mill-imsemmija Joanne Sciberras, peress li din kellha xi djun ma' l-istess intimat;

2. Illi permezz ta' skrittura datata t-8 t'Ottubru tas-sena 2006, in atti tan-Nutar Dr. Mary sive Mariella Mizzi, l-intimat kera l-hanut in dizamina bil-kondizzjonijiet hemm pattwiti;

3. Illi mix-xhieda tieghu ma jintefa l-ebda dawla iehor fuq il-vertenza de quo;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi tas-suespost jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-hanut in dizamina fuq riferit kien l-ewwel gestit minn Joanne Sciberras f'isem is-socjeta` "J. & T. Cash & Carry" u sussegwentement f'isem l-intimat Daniel Montebello;

2. Illi tul il-gestjoni ta' l-imsemmija Sciberras ir-rikorrent kien iforni l-istess hanut bil-merkanzija li meta l-imsemmija Sciberras welliet l-imsemmi hanut, ir-rikorrent jirrizulta li kellu kreditu konsiderevoli fuq merkanzija minnu konsenjata;

3. Illi jirrizulta li meta l-imsemmija Sciberras welliet il-gestjoni tal-hanut de quo lill-intimat Montebello, dan aktar tard ftiehem verbalment mar-rikorrent li kien ser jassumi responsabbilita` tal-merkanzija gia` kkonsenjata lill-inkwilina precedenti mill-istess rikorrent u jhallas lil dan ta' l-ahhar meta jbiegh il-merkanzija involuta;

4. Illi dan il-bejgh ma jirrizultax li avvera ruhu u mat-trapass taz-zmien il-merkanzija skadiet u ma setghetx tinbiegh aktar;

5. Illi allura r-responsabbilita` fuq il-merkanzija de quo tippernja fuq il-ftehim verbali milhuq bejn ir-rikorrent u l-intimat, liema ftehim hu wkoll imsahhah mil-lista miktuba mill-partijiet tal-oggetti meritu ta' l-imsemmi ftehim;

Ikkunsidrat:

Illi a bazi tal-principju li l-prova fl-ambitu ta' kawzi ta' natura civili tkun bizzejjed jekk ibbazat fuq il-probabbilita` allura, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrent ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi;

Ghaldaqstant, din il-qorti, filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha ta' l-intimat, takkolji t-talbiet tar-rikorrent u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-intimat Daniel Montebello jhallas l-ammont ta' tlett elef, tlett mija u wiehed u tmenin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu, (LM3,381.98,0), ekwivalenti ghal sebat elef tminn mija u sebgha u sebghin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€7,877.89), prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u li ghadha ma thallsitx;

2. Bl-ispejjez inkluz il-mandat ta' qbid 1516/07, u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti mill-1 ta' Jannar tas-sena 2007.**”**

Minn din is-sentenza appella l-konvenut. Huwa jitlob ir-revoka taghha bis-sottomissjonijiet illi ma kien jezisti ebda relazzjoni negozjali ma' l-attur ghax hu ma ordnax il-merkanzija li taghha kien qieghed jigi pretiz il-hlas minghandu, u, barra minn dan l-attur ma pprovax li kien jezisti xi ftehim verbali mieghu;

Il-fatti li taw lok ghal kawza quddiem l-ewwel Qorti kienu dawn. L-attur issuplixxa merkanzija lil Joanne Sciberras, neputija tieghu meta din taht isem il-kumpanija taghha J & T Sciberras Limited kienet tiggestixxi l-hanut "J & T Cash & Carry" fi Triq Mikelang Sapiano, Haz-Zebbug. Bi skrittura tat-12 ta' Ottubru, 2006 (fol. 85) l-imsemmija Joanne Sciberras assenjat it-tmexxija tal-hanut lill-konvenut wara li dan bi skrittura separata tat-8 ta' Ottubru, 2006 (fol. 83) dahal f'rapport lokatizju ma' sid il-fond. Fiz-zmien ta' dan l-arrangament l-attur kien ghad baqalu jithallas ammont apprezzevoli minghand Joanne Sciberras ghal prodotti minnu kkonsenjati lil din. Intlahaq qbil li l-attur jerga' jiehu ri-pussess ta' dawn il-prodotti u meta mar biex jirtirahom il-konvenut talbu biex ihallihom fil-post u jaghmel tajjeb hu ghall-hlas taghhom. Jirrizulta li sar *stock taking* ta' l-istess prodotti. Gew irtirati xi whud minnhom li ma kienux merkantibbli f'dak il-mument, inhargu *credit notes* lill-konvenut ghal dawn il-prodotti rtirati u *credit notes* lil Joanne Sciberras ghal prodotti li thallew fil-hanut. Il-konvenut, li baqa' ma hallasx ghal dawn il-prodotti, jirrikonoxxi illi ghalkemm l-i*stock lists* ma kienux iffirmati whud minnhom kitibhom hu *di proprio pugno*. Jaccetta wkoll, fl-istess waqt li jghid li ma kellux x'jaqsam ma' l-i*stock*, illi dan baqa' fil-hanut;

L-ewwel Qorti kienet sodisfatta mill-provi processwali akkwiziti illi l-versjoni ta' l-attur kienet fuq bazi ta' probabilita` aktar attendibbli u ghaddiet biex akkoljiet id-domanda tieghu ghall-pagament minghand il-konvenut. Bl-appell tieghu dan ta' l-ahhar jikkontrasta r-ragonament u l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti principalment ghal dawn it-tliet motivi:-

(1) Huwa ma ordnax il-merkanzija u allura l-ebda relazzjoni ma instawrat ruhha bejnu u l-attur;

(2) Fil-ftehim bejnu u Joanne Sciberras *nomine* kien iddikjarat illi hu ma kellux x'jaqsam ma' debiti jew obbligi assunti mill-kumpanija J & T Sciberras Limited jew ir-rapprezentanti taghha fil-gestjoni tal-hanut;

(3) L-attur ma pprovax b'mod adegwat u preciz l-ezistenza ta' l-allegat ftehim verbali mieghu dwar li hu talab li l-i*stock* jithalla fil-hanut u li hu jaghmel tajjeb ghal hlas korrispondenti;

Ri-ezaminati l-provi, din il-Qorti hi tal-konvinzjoni, anke fuq il-bilanc tal-probabilita` adottat mill-ewwel Qorti, illi l-inferenza li tohrog mill-kumpless tal-provi ma tistax hlief tkun dik li tqarrab il-konkluzjoni taghha, bhall-ewwel Qorti qabilha, ghall-fatti rrakkontati mill-attur. Il-probabilita` l-aktar evidenti tidher li hi illi verament kien intlahaq qbil verbali bejn il-kontendenti ghat-thollija tal-merkanzija fil-hanut. Mod iehor ma jsibx spjegazzjoni l-fatt tal-partecipazzjoni mill-konvenut fl-i*stock taking* u lanqas li l-prodotti, bil-ftehim b'kollox li kellu ma' Joanne Sciberras *nomine*, thallew u baqghu fil-hanut wara li hu ha l-gestjoni tieghu minghandha;

Jinghad fis-sentenza "**Eucaristico Zammit -vs- Eustrachio Petrococchino**", Appell Kummercjali, 25 ta' Frar, 1952, illi "hu elementari fl-amministrazzjoni tal-gustizzja l-principju hekk enuncjat mill-**Powell** '**On Evidence**' p. 487:- '*In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive 'probabilities'. The tribunal must not look for more than what is called 'a moral certainty' ... The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inferences which naturally and probably arise from them*'." Kif diga osservat, fil-kaz taht konsiderazzjoni, din il-Qorti, fuq il-fatti provati, hi wkoll tal-fehma illi l-preponderanza tal-probabilitajiet ixaqilbu l-mizien favur it-tezi ta' l-attur appellat;

Minn din il-konkluzjoni ta’ fatt tinzel din il-konsiderazzjoni ta’ dritt. Skond il-Kodici Civili, ex-Artikolu 1179 (b), hemm novazzjoni “meta d-debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur”. Ma’ din id-disposizzjoni tal-ligi li tati ingress ghal novazzjoni soggettiva attiva jorbitaw ukoll b’mod partikulari l-Artikoli 1180 (3) u 1183 in kwantu f’ta’ l-ewwel il-ligi tahseb ghall-espromissjoni (“is-sostitizzjoni ta’ debitur gdid minghajr il-kunsens ta’ l-ewwel debitur”) mentri f’tat-tieni tipprovdi ghad-delegazzjoni (“li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor”). Ghal kaz specifiku in ezami huwa car mill-provi illi hawnhekk si tratta minn espromissjoni gjaladarba kien il-konvenut innifsu li ppropona ruhu bhala d-debitur il-gdid minflok Joanne Sciberras *nomine* u bir-rilaxx tal-*credit notes* l-attur zvinkola lil din mill-obbligu tal-hlas minnha originarjament dovut. Proprju fl-espromissjoni, derivata mid-dritt Ruman – “*delegatione et espromissione semper inest novatio* – hu ravvizat it-tlaqqigh tal-voluntajiet ta’ l-attur u tal-konvenut, b’dan ta’ ahhar jassumi b’obbligu li jhallas lill-attur-kreditur minflok id-debitur originarju. Skond il-Qorti ta’ l-Appell, sede Kummercjali, din id-deduzzjoni “tikkostitwixxi novazzjoni ‘*mutato debitore’* minhabba espromissjoni li hi wahda mill-manjieri li fihom issir in-novazzjoni soggettiva” (“**Francesco Attard -vs- Andrea Brincat *et***”, 12 ta’ Gunju, 1953);

Jinghad mit-trattista **Cicala, “Espromissione”**, (EG1, XIII, Roma, 1989,12.) l-assunzjoni tad-debitu ta’ haddiehor tfisser “*farlo proprio in tutto il suo spessore economico-giurdico senza residui*”. Li jissinjifika, allura, illi t-terz, li hekk jassumi l-obbligu tal-hlas versu l-kreditur, ma jistax, imbaghad, kif hekk jippretendi l-konvenut appellant, jopponi lill-attur-kreditur tieghu l-fatt tar-rapport tieghu mad-debitur originarju Joanne Sciberras *nomine*.

Ghal motivi kollha predetti ta’ fatt u ta’ dritt il-Qorti tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew mill-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------